MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1025/2009

**Mark Falzon (ID112372M) u**
**Dionmar Construction Limited (C23877)**
**Vs**
**Mario Scicluna**
**u b'digriet moghti fil-25 ta' Marzu, 2010 Dr Henry Antoncich gie mahtur bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsemmi Mario Scicluna**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' disa' mija, tlieta u sebghin ewro u hamsa u disghin centezmi (€973.95) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' kostruzzjoni u restawr fil-bini fil-fond bin-numru 65, East Street, Valletta. Illi dawn ix-xoghlijiet tlestew

f’Mejju tal-2009 u gie prezentat kont mahdum mill-Perit Dr Conrad Thake ta’ Haz-Zebbug.

Illi l-atturi nterpellaw l-konvenut diversi drabi sabiex ihallas id-debitu izda dan baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji relatati ma’ din it-talba inkluz l-ittra legali datata 4 ta’ Novembru, 2009 kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data li tlestew ix-xoghlijiet sal-pagamnet effettiv, bl-oghla rata ai termini tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta kontra l-konvneuti li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta ta’ Mario Scicluna *et* fejn eccepixxa li l-esponent *nomine* ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi ma jistax ikun illi kienu gew inkarigati tnejn minn nies, cioe’ l-atturi Mark Falzon u Dionmar Construction Limited biex jaghmlu l-istess xoghlijiet in kwistjoni. Fil-mertu, l-esponent *nomine* ddikjara li m’huwiex edott mill-fatti tal-kawza u jirrizerva li jipprezenta risposta ulterjuri tieghu fi stadju iehor tal-kawza.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Sema’ x-xhieda ta’ Mark Falzon.

Ra li fit-28 ta’ Gunju, 2010 inghalqu l-provi atturi u l-kawza giet differita ghal provi tal-konvenuti.

Illi gie ddikjarat mill-attur illi thallset is-sorte fil-mori tal-kawza izda fadal li jithallsu l-ispejjez.

Ili fis-seduta tal-20 ta ‘ Settembru, 2010 il-kawza ntbatghet ghas-sentenza dwar il-provi stante pagament tas-sorte.

It-Tribunal fic-cirkostanzi huwa tal-fehma li ma jidhirlux illi kien hemm xi eccezzjoni dwar intempestivita’ tal-kawza .Illi jirrizulta li ntlahaq ftehim ghas-*sorte* izda kien baqa’ li jithallsu l-ispejjez. Illi mit-talba jirrizulta li l-konvenut *nomine* gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-imsemmi debitu izda baqa’ inadempjenti.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici dwar l-kap ta' l-ispejjez u jikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi l-ispejjez kollha kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------